MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Numru 764/2004

**PULIZIJA**
**SUPRETENDENT**
**CARMELO BARTOLO**
**VS**
**ANTON VASSALLO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anton Vassallo, ta’ 25 sena, iben Carmelo u Rose nee’Pullicino, imwieled Pieta, nhar l-23 ta’Settembru 1978, residenti “St Joseph House”, Triq Felice, Haz-Zabbar, detentur tal-Karta ta’ l-Identita 495978(M) .

Billi hu akkuzat:

Talli f'xi hin matul il-perjodu ta' bejn it-8:30 ta' filghaxija tal-15 t'Ottubru 2002 u l-4:15 ta' filghodu tas-16t'Ottubru 2002,
Waqt li kien f'Wied il-Ghajn, ikommetta serq ta'oggetti u cioe' flus, kexxun ta' 'cash register' kif ukoll 'kiddy gift machine' ikkwalifikati bil-valur li ma jiskorrix l-elf Lira Maltin, bil-hin, kif ukoll bil-mezz ghad-detriment ta' Anthony Schembri minn Birkirkara;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanza, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, liema hsara ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt Lira Maltija imam izjed minn hamsin Lira Maltin saret ghad-detriment ta'Anthony Schembri minn Birkirkara;
U fl-ahharnett talli irrendja ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mil-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbiddlu.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali a fol 7 ,u ta' l-imputat a fol 9 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammisjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammisjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni tieghu, il-Qorti issib lill-imputat **Anton Vassallo** hati skond l-akkuza , u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 263, 264, 267, 270, 279, 280, 325, 533 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artiklu 7 Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta'

Probation ghall-perjodu ta’ tlett snin (3), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.  Il-Probation Officer nominat ghandu jirraporta lill-Qorti kull sitt xhur fuq l-andament ta’ l-imputat. Il Qorti tordna li l-imputat jhallas is-somma ta’  sitt mija u tmien ewro u tmienja u sebghin  centezmu (€608.78) ,l-ispejjes inkorsi f’dawn il-proceduri fi zmien sitt xhur b’rati mensili.

Din il-piena qedgha tigi akkordata wara li il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, l-ammisjoni ta’ l-imputat, il-fatt illi l-imputat mid-data ta’ l-akkuza l-hawn segwa program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-droga sal-finalita tieghu u dawn il-proceduri jirrizalu ghall dak il-perjodu taz-zmien meta l-imputat kien mahkum b’mod assolut mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------